MALTA

# QORTI ĊIVILI
# PRIM' AWLA
## ONOR. IMĦALLEF
## LAWRENCE MINTOFF

Seduta tal-21 ta' Marzu, 2016

Rikors Maħluf Numru: 764/15 LM

**Philip Vassallo**

**vs.**

**Malta Freeport Terminals Limited**

**Il-Qorti,**

Rat ir-Rikors Maħluf ta' **Philip Vassallo** (minn issa 'il quddiem "l-attur") ippreżentat fl-10 ta' Awwissu, 2015, li jaqra hekk:

1. *Illi r-rikorrent hu registered port-worker u fis-6 ta' Novembru, 2012, intbagħat jaħdem b'inkarigu tas-soċjetà intimata abbord il-bastiment MV Karina, li kien sorġut fil-Malta Freeport, Kalafrana.*

2. *Illi waqt li r-rikorrent kien qed jagħmel xogħol ta' lashing[1] skont kif ordnat, għall-ħabta ta' 3.30am tal-jum imsemmi u waqt li kien qed jaħdem minn fuq il-hatch cover tal-bastiment imsemmi, minn spazju ristrett u diffiċli u mingħajr ebda lqugħ biex jipprevjeni waqgħat, hu waqa' b'lura minn fejn kien qed jaħdem għoli ta' bejn ħames (5) u sitt (6) piedi, u bil-waqgħa korra serjament f'diversi bnadi fuq il-persuna tiegħu.*

3. *Illi minħabba dan l-inċident u l-ġrieħi konsegwenzjali, ir-rikorrent dam ma jistax jaħdem mid-data tal-imsemmi inċident sat-22 ta' Diċembru, 2013, u b'hekk sofra wkoll loss of wages billi ma setax jaħdem għal kważi erbatax il-xahar.*

4. *Illi s-soċjetà intimata hi responsabbli għal dan il-korriment u d-danni konsegwenzjali billi l-inċident fuq imsemmi seħħ unikament b'tort, b'ħtija, b'negliġenza u traskuraġni tagħha, li naqset ukoll milli tosserva l-obbligu impost fuqha mil-liġi li bħala prinċipal tiżgura ambjent ta' xogħol ħieles mill-perikoli għall-ħaddiema, u għalhekk naqset milli żżomm a safe working environment.*

5. *Illi s-soċjetà intimata ġiet interpellata biex tersaq għal-likwidazzjoni u ħlas tad-danni kollha li sofra r-rikorrent f'dan l-inċident iżda baqgħet inadempjenti, u għalhekk kellha ssir din il-kawża.*

---

[1] Il-*lashing/unlashing* hu l-proċess li bih il-kontejners li jkun hemm abbord il-vapur jintrabtu jew jinħallu mill-irbit tagħhom, skont il-każ. F'dan il-każ il-*containers* kien qegħdin jinħallu mill-irbit tagħhom.

*Tgħid għalhekk is-soċjeta' intimata għaliex għar-raġunijiet premessi din l-Onorabbli Qorti m'għandhiex:*

*1. Tiddikjara illi s-soċjetà intimata hi responsabbli għall-inċident li fih safa korrut ir-rikorrent li seħħ fis-6 ta' Novembru, 2012 waqt li l-istess rikorrent kien qed jaħdem b'inkarigu tas-soċjetà intimata abbord il-bastiment MV Karina sorġut fil-Malta Freeport, Kalafrana, u għad-danni kollha li sofra r-rikorrent b'konsegwenza ta' dan l-inċident u l-korriment minnu soffert.*

*2. Tillikwida d-danni sofferti mir-rikorrent minħabba dan l-inċident u l-korriment konsegwenzjali, u dana okkorrendo bl-opra ta' periti nominandi.*

*3. Tikkundanna lis-soċjetà intimata biex tħallas lir-rikorrent id-danni kollha hekk likwidati.*

*Bl-ispejjeż kompriżi dawk tal-ittra uffiċjali tas-6 ta' Ottubru, 2014 kontra s-soċjetà intimata, li hi minn issa nġunta għas-subizzjoni.*

Rat illi s-soċjetà konvenuta **Malta Freeport Terminals Limited** (minn issa 'il quddiem "is-soċjetà konvenuta") għalkemm debitament notifikata, naqset li tippreżenta risposta maħlufa fiż-żmien mogħti lilha mil-liġi u għalhekk hija kontumaċi. Dan ma jfissirx però illi l-attur huwa eżentat milli jressaq il-provi meħtieġa biex jipprova l-każ tiegħu, billi kif inhu ben magħruf il-kontumaċja tfisser oppożizzjoni.

Rat l-atti tal-kawża u d-dokumenti esibiti mill-attur.

Rat il-verbal tas-seduta tat-22 ta' Jannar, 2016 li permezz tiegħu is-soċjetà konvenuta ingħatat il-fakultà li tippreżenta nota ta' sottomissjonijiet responsiva fi żmien ħmistax-il ġurnata mill-preżentata tan-nota ta' sottomissjonijiet tal-attur u ħalliet il-kawża għas-seduta tal-lum għas-sentenza.

Rat in-nota ta' sottomissjonijiet ippreżentata mill-attur fl-1 ta' Frar, 2016.

Rat li s-soċjetà konvenuta ma ppreżentatx nota ta' sottomissjonijiet responsiva.

**Ikkunsidrat:**

Illi jirriżulta li fis-6 ta' Novembru, 2012 l-attur weġġa' waqt li kien qiegħed jagħmel xogħol ta' ħatt ta' *containers* minn fuq vapur. Dan ix-xogħol isir fi spazju ferm ristrett u minn fuq platform żgħira li tifforma parti mill-ġenb tal-bastiment. Dan joħloq ambjent perikoluż fejn hu faċli li l-ħaddiem jaqa' għal isfel fil-passaġġ tal-bastiment jew saħansitra minn fuq il-bastiment għal fuq il-moll jew fil-baħar.

L-attur jgħid li seħħew għadd kbir ta' inċidenti simili fejn korrew bosta minn sħabu. Dakinhar li seħħ l-inċident mertu ta' din il-kawża, l-attur tela' mill-

passaġġ għal fuq il-platform u beda jipprova jħoll kamin issikkat. F'daqqa waħda l-kamin ċeda u nħall bi skoss. Billi l-attur kien qed jaħdem fi spazju ferm limitat u la kellu lqugħ u lanqas fejn iserraħ saqajh, tilef il-bilanċ u waqa' għal isfel m'għola żewġ metri u weġġa'. Il-verżjoni tal-attur hija kkorroborata minn **Noel Briffa** (a fol. 54 sa 56 tal-proċess), ħaddiem ieħor kollega tal-attur. Il-Qorti m'għandha l-ebda raġuni għalfejn m'għandhiex temmen il-verżjoni tal-fatti li taw Philip Vassallo u Noel Briffa, li fuq kollox ma ġietx kontradetta mis-soċjetà konvenuta.

**Kunsiderazzjonijiet legali**

Illi l-liġi tal-lum tikkunsidra lill-ħaddiem bħala l-parti debboli fil-kuntratt tax-xogħol jew impjieg fil-konfront tas-sid tal-mezzi tal-produzzjoni. Meta jsir kuntratt ta' impjieg, il-libertà kuntrattwali hija limitata permezz ta' għadd kbir ta' regolamenti li jirregolaw aspetti differenti ta' dan il-kuntratt li huma maħsubin biex iħarsu l-parti debboli f'dan il-kuntratt. Hekk ir-regolamenti dwar il-paga minima jassiguraw li l-ħaddiem jingħata kumpens kemm jista' jkun diċenti għax-xogħol tiegħu u li ma jkunx inqas mill-paga minima; filwaqt li r-regoli dwar il-ħinijiet tax-xogħol jassiguraw li l-ħaddiem ikollu l-ħin tal-mistrieħ.

Għalhekk appena jiġi pattuwit kuntratt ta' impjieg, jiskattaw l-effetti ta' bosta liġijiet li jħarsu lill-ħaddiem, fosthom – u dawn huma li jinteressaw lill-partijiet

f'din il-kawża – dawk dwar is-sigurtà fuq il-post tax-xogħol. Għalkemm jiskattaw fil-kors ta' kuntratt ta' impjieg, dawn ir-regoli jistgħu jkunu fonti ta' danni extra-kuntrattwali jew delittwali, li jistgħu ikunu wkoll konkorrenti mad-danni kuntrattwali.

Skont l-Artikolu 1033 tal-Kodiċi Ċivili, "Kull min, bil-ħsieb jew mingħajr il-ħsieb li jagħmel deni, għax ikun irid jew b'nuqqas ta' diliġenza, ta' prudenza jew ta' ħsieb, jagħmel jew jonqos li jagħmel xi ħaġa **li biha jikser xi dmir impost mil-liġi**, hu obbligat għall-ħlas tal-ħsara li tiġri minħabba f'hekk".

Ir-regola ġenerali in tema extra-kuntrattwali, li ilha stabbilita fil-Kodiċi Ċivili hi li "kull wieħed iwieġeb għall-ħsara li ssir bi ħtija tiegħu" (Artikolu 1031). Ikun fi ħtija min ma jużax il-prudenza, id-diliġenza, u l-ħsieb ta' missier tajjeb tal-familja, iżda ħadd ma jwieġeb għal nuqqas ta' grad ikbar ta' diliġenza (Artikolu 1032).

Anke fil-qasam tax-xogħol, kwalsiasi azzjoni (pożittiva jew negattiva) jew forma ta' kondotta assunta trid tkun ippernjata fuq il-prudenza u d-diliġenza tal-*bonus paterfamilias.* Għandha tkun akkumpanjata wkoll minn dak il-buon sens li ż-żmien, il-mument u s-sitwazzjoni partikolari jkunu jirrikjedu jew ikunu jiddettaw. Din hija l-bażi preventiva li l-liġi tagħna tiġbor fiha u dan sabiex tbiegħed lill-persuna mill-ħsara, anke għal dak li jirrigwarda ħsara potenzjali.

Illi l-ġurisprudenza Ingliża wkoll tagħraf li fil-każ korriment fuq il-post tax-xogħol, huma applikabbli kemm il-kuntratt ta' impjieg kif ukoll il-liġi delittwali, billi dawn jirkbu fuq xulxin u fil-fatt illum il-ġurnata jista' jitqies li fil-kuntratt ta' impjieg hemm patt impliċitu li min iħaddem għandu jipprovdi post tax-xogħol sikur għall-ħaddiem:

> *"The relationship itself of employer and employee is necessarily based upon contract but it has been the subject of some controversy in the past whether the common law duties regarding the employee's safety, are contractual duties or lie in tort. Because of the closeness of the relationship between employer and employee, as well as its very nature, there really can be no doubt today that a duty of care does arise under the general law of tort, as expressed in* ***Donoghue v. Stevenson*** *(1932 A.C. 562). In* ***Davie v. New Merton Board Mills Ltd.,*** *(1959 A.C. 604) Viscount Simonds considered that, although liability primarily was to be regarded as having arisen in tort, it could also be based on implied terms contained in the contract of employment."* – **Charlesworth & Percy On Negligence** (Ninth edition, 1997).

Illi fil-qasam tas-sigurtà fuq il-post tax-xogħol, fl-1 ta' Mejju, 2001 daħal fis-seħħ l-Att XXVII tas-sena 2000 (illum Kap. 424 tal-Liġijiet ta' Malta) li bena fuq il-liġijiet u regolamenti li diġà kien hemm qabel. Bis-saħħa ta' dan l-Att, ġie ippubblikat fost ħafna regolamenti oħrajn, l-Avviż Legali 36 tat-2003 imsejjaħ Regolamenti dwar Disposizzjonijiet Ġenerali dwar is-Saħħa u Sigurtà fuq il-Post tax-Xogħol li huwa korp ta' regolamenti ta' importanza kbira fil-qasam tax-xogħol.

Illi l-Att imsemmi jikkodifika l-prinċipji u dmirijiet ġenerali li għandhom jirregolaw dan il-qasam u biex jenfasizza l-importanza tiegħu jistqarr li "Il-

protezzjoni tas-saħħa u tas-sigurtà fuq il-postijiet tax-xogħol għandha titqies bħala materja ta’ interess pubbliku” (Artikolu 4(1)).

Illi l-Artikolu 4(2) jelenka dawn il-prinċipji ġenerali ta’ prevenzjoni li fuqhom għandhom jiġu mfasslin il-miżuri li għandhom jittieħdu minn min iħaddem biex jevita dannu fiżiku u psikoloġiku, korriment jew mewt, fuq il-postijiet tax-xogħol:

(a) li jiġi evitat riskju;

(b) l-identifikazzjoni ta’ perikli assoċjati max-xogħol;

(ċ) l-evalwazzjoni ta’ dawk ir-riskji li ma jistgħux jiġu evitati;

(d) il-kontroll mill-bidu ta’ dawk ir-riskji li ma jistgħux jiġu evitati;

(e) li jittieħdu l-miżuri neċessarji kollha biex jirriduċu r-riskju kemm ikun raġonevolment prattiku, inkluż li jitbiddel dak li huwa perikoluż b’dak li ma jkunx perikoluż jew li jkun inqas perikoluż;

(f) billi tingħata prijorità lill-miżuri ta’ protezzjoni kollettivi fuq miżuri ta’ protezzjoni individwali;

(g) li jiġi adattat ix-xogħol għall-ħaddiem, partikolarment għal dak li għandu x’jaqsam mal-iddisinjar ta’ postijiet tax-xogħol, l-għażla ta’ tagħmir tax-xogħol u l-għażla ta’ metodi ta’ produzzjoni u ta’ xogħol, u partikolarment sabiex jiġi mnaqqas xogħol monotonu u xogħol li jkollu rata ta’ xogħol stabbilita minn qabel, u biex

jitnaqqas l-effett tagħhom fuq is-saħħa;

(ħ) billi wieħed jaddatta ruħu għall-progress tekniku fl-interess tas-saħħa u tas-sigurtà fuq il-post tax-xogħol; u

(i) billi tiġi żviluppata policy ta’ prevenzjoni globali u loġika li tkopri t-teknoloġija, l-organizzazzjoni ta’ xogħol, il-kundizzjonijiet ta’ xogħol, ir-relazzjonijiet soċjali u l-influwenza ta’ fatturi li għandhom x’jaqsmu mal-ambjent tal-post tax-xogħol.

Illi r-regolament 9(1) tar-Regolamenti imsemmija jispeċifika li f’kull post tax-xogħol, min iħaddem għandu jagħżel persuna waħda jew aktar li jkollha l-ħeġġa, kapaċitajiet, kompetenza u taħriġ neċessarju sabiex tassistieh fit-teħid ta’ miżuri meħtieġa fejn tidħol il-protezzjoni tas-saħħa u s-sigurtà fuq il-post tax-xogħol u l-prevenzjoni u l-kontroll tar-riskji ta’ fuq ix-xogħol.

Illi r-regolament 10 tal-istess Regolamenti imsemmija jispeċifika li min iħaddem għandu jiżgura li ssir evalwazzjoni xierqa, suffiċjenti u sistematika tal-perikli għas-saħħa u s-sigurtà kollha li jistgħu ikunu preżenti fuq il-post tax-xogħol u r-riskji li jirriżultaw li jikkonċernaw l-aspetti kollha tal-attività tax-xogħol. Dawn l-evalwazzjonijiet għandhom jikkunsidraw ir-riskji għas-saħħa u s-sigurtà tal-ħaddiema li għalihom ikunu esposti waqt ix-xogħol.

Illi madankollu dan ma jfissirx li l-ħaddiem jista’ jkun negliġenti f’xogħlu. Skont ir-regolament 7(1) “Huwa d-dmir ta’ kull ħaddiem li jissalvagwardja s-saħħa u s-sigurtà tiegħu nnifsu kif ukoll dik ta’ persuni oħra li jistgħu jiġu affettwati bix-xogħol li jkun qiegħed isir.” Ir-regolament 15 tar-Regolamenti fuq imsemmija

jispeċifika li dan id-dmir jiġi mwettaq, fost l-oħrajn, billi l-ħaddiem:

(i) jagħmel użu korrett tal-makkinarju, apparat, għodda, sustanzi perikolużi, tagħmir tat-trasport u mezzi oħrajn ta' produzzjoni;

(ii) jagħmel użu korrett tat-tagħmir protettiv personali mogħti lilu u, wara l-użu, jirritornah f'postu.

Illi applikabbli għall-ambjent ta' xogħol tal-attur, hemm ir-Regolamenti dwar is-Sigurtà fil-Baċiri (Leġislazzjoni Sussidjarja 424.03), iżda ma jidher li hemm l-ebda regolament speċifiku fir-rigward tal-post tax-xogħol tal-attur. B'danakollu, dan ma jneħħix l-obbligu ta' min iħaddem li jieħu l-miżuri prekawzjonali li s-sitwazzjoni partikolari tkun tiddetta. Kif qalet din il-Qorti kif diversament ippresjeduta fil-kawża fl-ismijiet **Carmena Fenech et vs. Iċ-Chairman tal-Malta Drydocks noe et** (PS) **–** deċiża fis-6 ta' Diċembru, 2006 ikkonfermata mill-Qorti tal-Appell fit-3 ta' Diċembru, 2010:

> "Preordinatament għall-istħarriġ tal-punti hawn sollevati mit-Tarzna konvenuta jidher li hu bil-wisq importanti illi jiġu sottolinejati dawn il-preliminari:-
>
> (1) *In primis*, l-eżistenza ta' rapport kontrattwali bejn id-*decujus* u t-Tarzna li magħha l-istess *decujus* kien impjegat;
>
> (2) Tali rapport jimponi b'obbligu fuq min iħaddem illi jadotta għall-ħarsien tal-impjegati tiegħu mhux biss dawk il-miżuri speċifiċi tassattivament imposti mil-liġi u mir-regolamenti in relazzjoni għall-attività eżerċitata imma wkoll b'mod ġenerali dawk il-miżuri dettati mill-prudenza komuni u mill-esperjenza li jkunu hekk meħtieġa għat-tutela tal-ħaddiem;
>
> (3) Hekk fil-korp tal-liġijiet tagħna nsibu rikonoxxut dan l-obbligu normattiv tat-tutela taħt l-Att dwar l-Awtorità għas-Saħħa u s-Sigurtà fuq il-Post tax-Xogħol (Kapitolu 424), senjatament l-Artikolu 6 tiegħu, konsistenti f'dawk il-miżuri li

għandhom jittieħdu minn min iħaddem biex jevita dannu fiżiku u psikoloġiku, korriment jew mewt, fuq il-postijiet tax-xogħol. Att dan li hu estendibbli bħala parti mill-pakkett tal-kondizzjonijiet ta' impjieg bl-Artikolu 9 tal-Att dwar l-Impjiegi u r-Relazzjonijiet Industrijali (Kapitolu 452). F'dan ma hemm xejn ġdid li ma kienx jingħad u jifforma parti mill-*Factories (Health, Safety and General Welfare) Regulations, 1945* kif minn żmien għal żmien emendati;

(4) Fundamentalment, imbagħad, dak l-istess obbligu jiddixxendi kostituzzjonalment għad-difiża tad-drittijiet tal-ħajja, u tar-rispett tas-sigurtà tal-persuna (Artikolu 32 tal-Kostituzzjoni);

(5) Teżisti wkoll ġurisprudenza kopjuża li tittratta dwar l-estensjoni tal-attività ta' prevenzjoni li tagħha hu obbligat min iħaddem u tal-miżuri li dan tenut jadotta biex jigu skansati sitwazzjonijiet ta' ħsara għall-ħaddiem;

(6) Minn dan li ngħad hi allura ipotizzabbli qagħda fejn il-fatt jivvjola drittijiet li jiskaturixxu minn vinkolu ġuridiku kontrattwali, daqs kemm ukoll ksur tad-drittijiet tal-persuna in bażi għall-preċett ġenerali tan-*'neminem laedere'*;

(7) Tali vjolazzjoni tagħti lok għal konkors flimkien tal-azzjoni extra-kontrattwali tar-responsabbiltà, ex-artikoli 1031 u 1032 (1) Kodiċi Ċivili, u dik kontrattwali bażata fuq il-ksur tal-obbligi posti mil-liġijiet fuq min iħaddem għall-iskansar tad-dannu fuq il-persuna tal-ħaddiem."

Illi ksur tad-disposizzjonijiet tal-Kap. 424 jew tar-regolamenti li jaqgħu taħtu għalhekk, jista' jsarraf f'responsabbiltà tal-ħaddiem u ta' min iħaddem għall-ħsara konsegwenzjali li tista' ssir, u dan kif jistipula l-imsemmi l-Artikolu 1033 tal-Kodiċi Ċivili. F'dan ir-rigward din il-Qorti, diversament ippresjeduta, kellha l-okkażjoni tosserva li:

"Bħala punt tat-tluq dottrinali, huwa magħruf li fil-qasam ta' responsabbiltà dwar korriment li jseħħ fuq il-post tax-xogħol waqt il-qadi ta' dmirijiet tal-persuna li tkun, jgħoddu regoli speċjali dwar dak li jiġri meta ħaddiem jew terza persuna ġġarrab inċident bħal dak. Bit-tħaddim tar-regoli ġenerali tal-liġi dwar ir-responsabbiltà għal

dak li wieħed irid iwieġeb għalih minħabba xi għamil jew nuqqas tiegħu, is-sejbien ta' ħtija għal inċident bħal dak jgħabbi lil min ikun qabbad lill-ħaddiem jew lit-terz li jkun, sakemm ma jintweriex li dak il-ħaddiem naqas li joqgħod għall-istruzzjonijiet jew għall-prekawzjonijiet li l-imgħallem tiegħu jkun widdbu bihom jew ipprovdielu, jew sakemm ma jintweriex li l-ħaddiem, bi traskuraġni jew b'rieda, ikun hu nnifsu ġab l-effetti tal-inċident b'idejh…

Hija regola oħra ewlenija f'dan il-qasam, li l-imgħallem irid jiżgura li jipprovdi lill-ħaddiema tiegħu b'sistema xieraq ta' ħarsien minn kull periklu (dak li bosta jsejħulu *"a safe system of work"*) fejn ikun sejjer isir ix-xogħol minnu mitlub. Fid-dritt, dan id-dmir iġorr miegħu grad għoli ta' responsabbiltà fuq l-imgħallem, u jaqa' fuqu l-piż li jipprova li inċident ikun seħħ minkejja li jkun ħares dak kollu li l-liġi tistenna minnu f'dan ir-rigward".[2]

Illi fl-opra awtorevoli Ingliża fil-qasam tat-"*Tort*", **Winfield & Jolowicz on Tort**, 18th edition, 2010 jingħad li:

*"A worker who proves that he has suffered injury because the statutory requirement has not been met establishes at least a prima facie case – he is not required to aver what measures the defendant should have taken to comply with the regulation."*

Illi dan ma jfissirx li hemm *strict liability* fuq min iħaddem. Il-ħaddiem li jkorri jrid fl-ewwel lok jipprova li kien hemm nuqqas ta' miżuri ta' tħaris tas-sigurtà, imbagħad il-piż tal-prova jdur fuq spallejn min iħaddem li biex jiskolpa ruħu jrid juri jew li kien hemm forza maġġuri inkella traskuraġni da parti tal-ħaddiem. Kif qalet il-Qorti tal-Appell (Superjuri) fis-sentenza fl-ismijiet **Felix**

[2] **Raymond Psaila vs. Pisciculture Marine de Malte Limited** deċiża fid-29 ta' Settembru, 2011 (mhix appellata) Prim'Awla, Imħallef J.R. Micallef kif ukoll **David Gathergood vs. Anchor Bay Leisures Limited** deċiża fit-12 ta' Marzu, 2012, Prim'Awla, Imħallef J.R. Micallef.

**Xerri vs. Beechwood Limited** deċiża fit-3 ta' April, 2009:

> "Għar-rigward il-prinċipji li jirregolaw il-materja, din il-Qorti tirribadixxi li, filwaqt illi l-ġurisprudenza tal-Qrati tagħna timponi obbligi severi fuq min iħaddem biex jassigura *"a safe environment"* fuq il-post tax-xogħol u li dan jipprovdi l-mezzi kollha neċessarji u meħtieġa biex tiġi salvagwardata l-inkolumità tal-ħaddiema tiegħu fuq il-lant tax-xogħol, dan ma jwassalx għall-kunċett ta' *'strict liability'* ta' min iħaddem, u l-impjegat li jweġġa' fuq ix-xogħol huwa obbligat li jipprova li l-inċident seħħ b'responsabbilità ta' min iħaddem. Lanqas ma jista' jingħad li teżisti xi preżunzjoni jew, kif sejħitilha l-ewwel Qorti, "kważi preżunzjoni", ta' responsabbilità ta' min iħaddem kull meta jseħħ inċident li fih iweġġa' ħaddiem. Hu obbligu tal-ħaddiem li juri u jipprova li l-inċident seħħ konsegwenza ta' nuqqas ta' min iħaddem, partikolarment li jkun injora xi obbligu impost fuqu bil-liġi jew bil-ġurisprudenza *in subjecta materia.*"

Illi għad li s-soċjetà konvenuta ma kinitx is-sid tal-bastiment li seħħ fuqu l-inċident inkwistjoni, din xorta waħda kienet tenuta li tiżgura "a safe place of work" għall-ħaddiema tax-Xatt bħall-attur li jaħdmu abbord fuq inkarigu tagħha. Kif jingħad mill-awturi **Winfield & Jolowicz** (op. cit. paġna 247):

> *"Even if the employer is not responsible for defects in someone else's premises…, he may be under a duty to give advice, instructions or orders about commonly encountered hazards. Thus it has been held that in modern conditions the employee of a window cleaner should place an embargo on cleaning upper floor windows by standing on the sill unless there are anchorage points for a safety harness (King vs. Smith [1995] I.C.R. 339)".*

Illi huwa minnu dak li irrileva l-attur fin-nota ta' sottomissjonijiet tiegħu li s-soċjetà konvenuta taħti għal nuqqasijiet serji f'dak li huwa provvediment ta' sigurtà fuq il-post tax-xogħol. Ewlieni fosthom kien in-nuqqas ta' lqugħ mal-*platform* minn fejn kien qed jaħdem l-attur meta weġġa'. Kieku kien hemm

dan l-ilqugħ l-attur ma kienx jaqa’ għal isfel u jweġġa’.

Illi jirriżulta mill-atti tal-kawża li fil-bastimenti tajbin u sikuri għax-xogħol, ir-*railing* ikun magħmul minn ħadid fiss bħal *railing* normali. L-art li kien qed jaħdem fuqha l-attur kienet tiżloq bit-tiċpis taż-żjut li jkun hemm u dan iktar u iktar jagħmilha importanti li jkun hemm l-ilqugħ. Is-soċjetà konvenuta naqset milli tispezzjona l-lant tax-xogħol fuq il-vapur qabel ma beda x-xogħol u waqt li x-xogħol kien qiegħed isir.

Illi jirriżulta li l-*port workers* sempliċiment ġew mibgħuta fuq il-bastiment *MV Karina* biex jagħmlu x-xogħol. Ma sar l-ebda *risk assessment*, u dan f’post li huwa perikoluż minnu nnifsu. *Safety officer* ma kienx hemm. Il-Malta Freeport kienet konxja tal-periklu iżda m’għamlet xejn dwaru qabel ma seħħ l-inċident. Dan hu kollu bi ksur tal-Artikolu 4(2)(b)(ċ) u (d) tal-Kap. 424 u tar-regolament 9(1) tar-Regolamenti fuq imsemmija.

Illi kien biss wara li seħħ l-inċident inkwistjoni, Ii s-soċjetà konvenuta ħarġet struzzjonijiet li meta jidħol bastiment bħal dak li korra fuqu l-attur, li ma jkollux ilqugħ u spazju suffiċjenti minn fejn jista’ jsir ix-xogħol bla mal-ħaddiem tax-xatt jissogra li jaqa’ għal isfel, il-ħaddiema liċenzjati tax-Xatt ma kellhomx jaħdmu fuq bastimenti bħal dawn u minflok, l-*unlashing* f’każijiet bħal dawn kellu jsir mill-ekwipaġġ tal-bastiment stess. Imma dan ma kienx hekk fi żmien l-inċident inkwistjoni, meta l-ħaddiem liċenzjat ma setax jirrifjuta li jaħdem dan ix-xogħol.

Illi m’hemm l-ebda ħjiel li l-attur b’xi mod ikkontribwixxa għall-inċident.  Huwa

kien liebes il-*full safety gear* u lanqas jirriżulta li għamel xi manuvra ażżardata jew li b'xi mod kien negliġenti f'xogħlu.

Illi jirriżulta għalhekk is-soċjetà konvenuta hija unikament responsabbli għall-inċident inkwistjoni.

**Likwidazzzjoni tad-danni**

Illi għalhekk din il-Qorti sejra tgħaddi għal-likwidazzjoni tad-danni.

Illi jirriżulta li minħabba l-ġrieħi li ġarrab b'konsegwenza tal-inċident, l-attur dam ma jaħdem mid-data tal-inċident li seħħ fis-6 ta' Novembru, 2012 sat-22 ta' Diċembru, 2013. Waqt is-smigħ tal-kawża, l-attur wasal għas-somma ta' €71,612.54 bħala *loss of earnings* (ara fol. 18). Sħabu tal-grupp tiegħu – il-*port workers* jaħdmu fi gruppi – qalgħu €86,897 fl-istess perijodu, u wara li jsir tnaqqis ta' €15,284.62, bħala ammont ta' benefiċċji tal-korriment li rċieva l-attur matul l-istess perijodu, wasal għall-imsemmija somma ta' €71,612.54 bħala telf ta' qliegħ. Mid-dokumenti esibiti jirriżulta li għamel €439 spejjeż (Dok E1 sa E11).

Illi l-attur qiegħed jippretendi li m'għandhiex titnaqqas it-taxxa li kien iħallas li kieku ħadem tul l-imsemmi perijodu. B'danakollu, din il-Qorti taqbel mar-raġunar ta' din il-Qorti kif diversament ippreseduta fis-sentenza fil-kawża fl-ismijiet **Anthony Azzopardi vs. Anthony Caruana** (deċiża fl-4 ta' Mejju, 2015 mill-Imħallef Anthony Ellul):

"Fin-nota ta' sottomissjonijiet l-attur għamel riferenza għas-sentenza **George Zammit vs. Malta Freeport** (16 ta' Ġunju 2014), fejn il-qorti naqqset ammont rappreżentanti t-taxxa approssimattiva dovuta fuq l-ammont likwidat bħala *damnum emergens.* L-atturi qalu li ma jaqblux li titnaqqas xi somma biex tagħmel tajjeb għat-taxxa li kien ikollu jħallas l-attur kieku fil-perijodu in kwistjoni kien qiegħed jaħdem u jirċievi s-salarju. F'dan ir-rigward għamel riferenza għas-sentenzi ta' din il-qorti, **Caruana vs. Farrugia** (23 ta' Novembru, 1983) u **Muscat et vs. Schembri et** (27 ta' Jannar, 1972). Fit-tieni sentenza l-qorti qalet li:

> "Il-Qorti għandha biss il-kompitu li tillikwida d-danni għat-telf ta' qliegħ futur u mhux li tagħmilha ta' speci ta' *tax collector* bir-riżultat li tiffavorixxi lid-debitur tad-danni u taggrava id-danneġġat".

Fil-fehma ta' din il-qorti l-eżerċizzju li sar fil-kawża **Zammit vs. Malta Freeport** ma wassalx biex iffavorixxa lid-debitur u ppreġudika l-attur, iżda biex l-attur ma jingħatax flus li qatt ma kien ser idaħħal fil-but kieku ma seħħx l-inċident u tħallas il-paga. Meta l-qorti tikkunsidra wkoll dan l-aspett fil-likwidazzjoni tad-danni, ma tkunx qegħda tagħmilha ta' *tax collector* iżda tiżgura li l-attur ma jirċeviex dak li qatt ma kien ser jirċievi kieku ma seħħx l-inċident. Dik hi r-realtà u l-qorti ma tistax tinjora dan l-aspett. Fin-nota ta' sottomissjonijiet l-attur qal li ".... hu dibattibbli kemm danni likwidati minn Qorti huma taxxabbli...". Però l-Artikolu 12h tal-Att dwar it-Taxxa (Kap. 123) jipprovdi li m'humiex taxxabbli:

> "kull somma kapitali ........imdaħħla bħala kumpens konsolidat għal mewt jew korrimenti".

Il-liġi ma tagħmilx distinzjoni bejn *damnum emergens* u *lucrum cessans*. L-Artikolu 1045(1) jipprovdi li l-ħsara li persuna reponsabbli għandha twieġeb għaliha tinkludi "it-telf tal-paga jew qliegħ ieħor attwali". M'hemm l-ebda dubju li mill-paga tal-attur kienet titnaqqas it-taxxa taħt il-*Final Settlement System*, fejn it-taxxa titnaqqas direttament mill-paga. Fil-fehma tal-qorti l-paga li tilef l-attur, għaliex għamel żmien 'l bogħod mix-xogħol, kienet dik li ser tibqgħalu fil-but għall-użu tiegħu u mhux dik il-parti tal-paga li kienet ser titnaqqaslu bħala taxxa. Jekk ser ikun mod ieħor ifisser li l-attur ikun qiegħed jiġi kkumpensat għal iktar mit-telf ekonomiku li ġarrab il-patrimonju tiegħu. Dan żgur li ma jistax jikkwalifika bħala *fair compensation*."

Illi għalhekk il-Qorti sejra tnaqqas is-somma ta' €71,612.54 bi 23% rata ta' taxxa kkalkolata fuq bażi probabbli tenut kont l-ammont għoli ta' qliegħ. L-ammont nett ta' telf ta' qliegħ għalhekk jiġi €55,141.66 li magħhom trid tiżdied is-somma ta' €439 li l-attur nefaq bħala spejjeż minħabba l-korriment li ġarrab konsegwenza tal-inċident inkwistjoni.

**Decide**

**Għar-raġunijiet suesposti, din il-Qorti qiegħda tilqa' t-talbiet tal-attur billi:**

**1. Tiddikjara illi s-soċjetà konvenuta hi responsabbli għall-inċident li fih safa korrut l-attur li seħħ fis-6 ta' Novembru, 2012 waqt li l-istess attur kien qed jaħdem b'inkarigu tas-soċjetà konvenuta abbord il-bastiment *MV Karina* sorġut fil-Malta Freeport, Kalafrana, u għad-danni kollha li sofra l-attur b'konsegwenza ta' dan l-inċident u l-korriment minnu soffert.**

**2. Tillikwida d-danni sofferti mill-attur minħabba dan l-inċident u l-korriment konsegwenzjali fis-somma ta' €55,580.66.**

**3. Tikkundanna lis-soċjetà konvenuta biex tħallas lil-attur id-danni kollha hekk likwidati fis-somma ta' €55,580.66.**

**L-ispejjeż ta' din il-proċedura, inklużi dawk tal-ittra uffiċjali tas-6 ta' Ottubru, 2014 jitħallsu mis-soċjetà konvenuta.**

Moqrija

--------------------TMIEM--------------------